MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-16 ta' Diċembru, 2022

Appell Inferjuri Numru 56/2022LM

**Dragana Stoiljkovic (K.I. nru. 0182449A)**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Identity Malta Agency**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-appellanta **Identity Malta Agency** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'] mid-deċiżjoni tat-13 ta' Mejju, 2022, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mogħtija mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], li permezz tagħha laqa' l-appell

tal-appellata **Dragana Stoiljkovic (K.I. nru. 0182449A)** [minn issa ’l quddiem ‘l-appellata’] fil-konfront tagħha, għar-raġunijiet hemmhekk imfissra.

**Fatti**

2. L-appellata issottomettiet applikazzjoni għal permess uniku mal-appellanta fit-23 ta’ Lulju, 2021 skont il-L.S. 217.17, iżda din ġiet rifjutata permezz ta’ deċiżjoni tas-17 ta’ Diċembru, 2021, għar-raġuni li fiż-żmien li hija kienet ippreżentat l-applikazzjoni tagħha, kienet inħarġet fil-konfront tagħha Deċiżjoni għar-Ritorn u għat-Tneħħija tagħha mill-Uffiċjal Prinċipali għall-Immigrazzjoni.

**Mertu**

3. Għalhekk l-appellata istitwiet proċeduri ta’ appell quddiem il-Bord fil-21 ta’ Diċembru, 2021 għar-revoka ta’ din id-deċiżjoni tal-appellanta, u anki sabiex tiġi kkonfermata d-deċiżjoni tal-appellanta tas-27 ta’ Lulju, 2021.

**Id-deċiżjoni appellata**

4. Il-Bord wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*“ 1. **Preliminary***

*The Board:*

*Saw that in virtue of a decision dated 27th July 2021, Identity Malta Agency stated that the appellant's application for a Single Permit (reference number **R00501177**) had been accepted in principle and that she was authorised to proceed to Malta;*

*Saw that in virtue of a decision dated 17th December 2021, Identity Malta Agency stated that the appellant's application for a Single Permit (which decision bore no application reference number but referenced the same prospective employer) had been rejected as the appellant had "...been issued with a Return Decision and a Removal Order by the Principal Immigration Officer";*

*Saw the appeal registered on 21st December 2021; and*

*Saw that no reply from Identity Malta Agency was found in the relative file.*

***2. Submissions filed, evidence produced and considerations of the Board***

*The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst the principle which this Board, amongst other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of Appeal **Edwin Zarb et vs Gilbert Spiteri et** (decided on 6th February 2015) in which it was held that the principle* audi alteram partem *does not necessarily mean that the parties must be physically heard but that they must be given sufficient time to present the evidence they wish to present. It is up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

*The Board observed that in its decision, the Agency failed to state when the Return Decision and Removal Order were allegedly issued. In its decision, the Agency could have been bringing up either a recent occurrence or an occurrence in the distant past.*

*On her part, the appellant argued, through counsel, that the Return Decision and Removal Order against her had been executed by the Principal Immigration Officer.*

*The Board, with respect, observes that if this is the case, then the Agency should never have issued an approval-in-principle. It makes no sense to accept the application in principle and then reject it, thus reversing its previous decision.*

*The Board further notes that nowhere does the law state that a person who in the recent or distant past was issued with a Return Decision and/or Removal Order may not be granted a Single Permit."*

**L-Appell**

5. L-appellanta ippreżentat ir-rikors tal-appell tagħha quddiem din il-Qorti fl-20 ta' Mejju, 2022, fejn filwaqt li sostniet li din il-Qorti għandha ġurisdizzjoni tisma' l-appell odjern *ai termini* tas-subartikolu 25A(8) tal-Kap. 217, talbet sabiex *"...tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata tal-Bord tal-Appelli dwar Immigrazzjoni tat-13 ta' Mejju 2022 fl-ismijiet premessi u tordna l-Bord jieħu deċiżjoni mill-ġdid wara li jinnotifika lill-Aġenzija appellanti bl-atti tal-appell, jagħti ċans lill-Aġenzija appellanti sabiex tintavola risposta u evidenza u tagħmel sottomissjonijiet tagħha, u jieħu konjizzjoni tar-risposta tal-Aġenzija appellanti u dan skont il-konsiderazzjonijiet magħmula minn din il-Qorti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat".* Tgħid li l-aggravju tagħha huwa li riżultat tal-fatt li hija ma kinitx ġiet notifikata bl-appell tal-appellat quddiem l-imsemmi Bord, kien hemm nuqqas ta' parità ta' armi.

6. L-appellata wieġbet fit-8 ta' Lulju, 2022 fejn għar-raġunijiet imfissra fir-risposta tagħha, hija ssottomettiet li d-deċiżjoni appellata hija ġusta u għalhekk għandha tiġi kkonfermata, bl-ispejjeż kontra l-appellanta.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

7. L-aggravju tal-appellanta huwa li hija ma ġietx notifikata bl-appell odjern, u għalhekk ma setgħetx tintavola t-tweġiba tagħha. Tirrileva li fid-deċiżjoni appellata, l-Bord qal li hija ma kinitx ippreżentat is-sottomissjonijiet tagħha, iżda tistaqsi kif dan seta' isir meta hija ma kinitx ġiet notifikata bl-appell. Tgħid li huwa l-Bord stess li fid-deċiżjoni appellata jittratta l-prinċipju tal-*equality of*

*arms ai termini* tas-subartikolu 3(2) tal-Kap. 490, iżda tikkontendi li dan mhux biżżejjed mingħajr ma jitħaddem sew. L-appellanta tissottometti li l-prinċipju seta' tħaddem sew li kieku l-Bord ordna n-notifika tar-rikors tal-appell, u mbagħad ħa konjizzjoni tar-risposta tagħha qabel ma wasal għad-deċiżjoni finali tiegħu. Iżda fin-nuqqas, il-Bord ikkunsidra biss is-sottomissjonijiet tal-appellata, u dan mhux minħabba xi nuqqas min-naħa tagħha. Tikkontendi li dan iwassal għan-nullità tad-deċiżjoni appellata għaliex il-prinċipju *audi alteram partem* jitlob li jinstemgħu ż-żewġ qniepen qabel ma ssir id-deċiżjoni. L-imsemmi prinċipju jista' madankollu tgħid jiġi rispettat jekk din il-Qorti tannulla d-deċiżjoni appellata u tibgħat lura l-atti quddiem il-Bord sabiex jiddeċiedi mill-ġdid. Hawnhekk l-appellanta in sostenn tas-sottomissjonijiet tagħha, tagħmel riferiment għall-Appell nru. 61/2021 LM deċiż minn din il-Qorti fit-12 ta' Jannar, 2022 fl-ismijiet **Albertus Johannus Leonard Springer *vs.* The Director of the Department for Citizenship and Expatriate Affairs**.

8. L-appellata tilqa' billi qabel xejn tirrileva li r-rikors tal-appell odjern sar bl-ilsien Malti mingħajr traduzzjoni għall-ilsien Ingliż. Tikkontendi li l-appellata taf sew li hija barranija u ma tifhimx bil-Malti, u n-nuqqas jirriżulta f'żvantaġġ għaliha. Fit-tieni lok, l-appellata tirrileva li l-appell huwa inammissibbli *ai termini* tas-subartikolu 25A(8) tal-Kap. 217. B'riferiment għall-artikolu 4A tal-Parti III ta' dik il-liġi, tispjega li dan joħloq tliet kategoriji ta' individwi fejn appell mid-deċiżjoni tal-Bord huwa ammissibbli, iżda hija ma taqa' fl-ebda waħda minnhom stante li mhijiex ċittadina ta' Stat Membru tal-UE u lanqas ma tiddependi fuq ċittadin tal-UE, u lanqas ma kienet persuna li tinstab leġittimament f'territorju ta' stat marbut bi Ftehim dwar Fruntiera, għaliex hija kienet daħlet hawn Malta direttament mis-Serbia, il-pajjiż ta' twelidha, wara li isimha tneħħa mil-lista' ta'

projbizzjoni skont id-deċiżjoni appellata. L-appellata tagħmel riferiment għal diversi sentenzi ta' din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, u tagħlaq billi tissottometti li fid-dawl tad-disposizzjonijiet tal-liġi li għalihom sar riferiment, fid-dawl ta' dak li ngħad fis-sentenzi ċitati u meħud in konsiderazzjoni l-fatt li hija ċittadina tas-Serbja, ma kinitx tikkwalifika bħala persuna li fir-rigward tagħha jista' isir appell. Għalhekk tikkontendi li l-appell odjern huwa rritu u null. Għal dak li jirrigwarda n-nuqqas tan-notifika tal-appell lill-appellanta, l-appellata ssostni li l-obbligu tan-notifika jaqa' fuq il-Bord u mhux fuq il-persuna li tkun intavolat l-appell. Tispjega li hawn wieħed ma kienx qed jittratta każ bejn żewġ partijiet privati, iżda każ bejn individwu u aġenzija governattiva, u l-Bord bħala organu governattiv iġorr ir-responsabbiltà tan-notifika. Għalhekk hija m'għandhiex tiġi kkundannata ġġorr ir-responsabbiltà ta' notifika li ma saritx fejn ir-responsabbiltà qatt ma kienet tagħha.

9. Wara li kkunsidrat id-disposizzjonijiet tas-subartikolu 25A(8) tal-Kap. 217, kif ukoll dawk tal-artikolu 4A tal-Parti III, il-Qorti tgħid li l-appellata għandha raġun, u l-appell odjern huwa inammissibbli. Tqis li d-disposizzjonijiet tal-liġi huma ċari, u appell huwa permess biss f'dawk il-każijiet li jirrigwardaw il-kategoriji ta' persuni mfissra taħt l-artikolu 4A imsemmi. Stante li ma jirriżultax li l-appellata taqa' f'xi waħda minn dawk il-kategoriji, u l-appellanta saħansitra ma ressqet l-ebda prova sabiex twaqqa' dak li qegħda ssostni fuqu l-appellata, il-Qorti tgħid li l-appell odjern ma setax isir.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti filwaqt li tiddikjara l-appell odjern bħala irritu u null, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**